MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Numru. 304/2004

PULIZIJA
SPETTUR WALTER SPITERI
VS
CARMEN FARRUGIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Carmen Farrugia ta' 55 sena, armla ta' Joseph u Bint il-mejjet John Micallef u Jane nee Doneo, imwielda Rabat Malta u residenti 24 New Dawn, Triq il-Hareb Ghaxaq Id Card No 970348M talli f'Hal Ghaxaq fit-28 t'April 1999 bhala id-detentrici tal-fond St Mary Bar, St Mary Street, Ghazaq wkoll wara inzul ix-xemx, b'diversi atti maghmuln minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellha l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' l-lettriku, tal-kwalita mehuda jew ikkunsmata, ikkommettiet serq ta' kurrent elettriku fil-valur ta' Lm254.81,9 mill-fond St Mary'sBar, St Mary Street,

Ghaxaq liema serq hu kwailifikat bil-mezz, hin u l-valur ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. .

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizultaw biss zewg fatturi u cioe li l-imputata kienet detentrici tal-fond indikat fic-citazzjoni u li mix-xhieda tal-espert nominat fl-inkjesta jirrizulta illi l-meter kien imbaghbas.

Mill-provi pero ta’ spettur Walter Spiteri (fol 8 tal-process) jirrizulta illi l-Enemalta ma kellhomx provi ghal rigward ta’ serq o meno ta’ luce elettrca.

Dan gie konfermat mi-xhieda ta’ Ian Vella mill-Accounts Sectiion tal-Enemalta (fol 12 tal-process) li addirittura jghid “ma jirrizultax illi hemm erq ta’ dawl”.

Ikkunsidrat:-

Illi in vista ta dawn il-provi din il-Qorti mghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati ta’ serq ta’ elettriku u tilliberaha.

Din il-Qorti setghet semmai tippronunzja ruhha dwar tbaghbis tal-meter izda gialadarba li l-prosekuzzjoni ma intavolatx akkuza ta’ dan kontra l-imputata din il-Qorti trid tieqaf hawn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------